32005D0245

L 75/40 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 22.3.2005

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Marzu 2005

li tikkonċerna kontribuzzjoni finanzjarja speċifika mill-Komunità relatata mal-programm ta' sorveljanza ta' Campylobacter fil-brojlers ippreżentat mill-Iżvezja għas-sena 2005

(innotifikata taħt in-numru tad-dokument C(2005) 759)

(It-test bl-Iżvediż biss huwa awtentiku)

(2005/245/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-infiq fil-qasam veterinarju [1],u, b'mod partikolari, l-Artikolu 19 u l-Artikolu 20 tagħha,

Billi:

(1) Il-protezzjoni tas-saħħa umana kontra l-mard u l-infezzjonijiet li jiġu trasmessi direttament jew indirettament mill-annimali għall-bniedem (żoonosi) hija ta' l-akbar importanza.

(2) Programm ta' sorveljanza nazzjonali multi-annwali tal-Campylobacter fil-brojlers kien imressaq mill-awtoritajiet ta' l-Iżvezja fl-2000, bil-ħsieb li jiksbu appoġġ finanzjarju mill-Komunità. L-għan tal-programm huwa biex jagħmel stima tal-linja bażi ta' prevalenza kemm fil-produzzjoni primarja u kemm fil-katina alimentari, u biex progressivament jirrinforza l-implimentazzjoni tal-miżuri iġjeniċi fl-irziezet bil-ħsieb li titnaqqas il-prevalenza fl-irziezet u sussegwentement fil-katina alimentari. Il-programm kien approvat mill-Kummissjoni u mill-assistenza finanzjarja tal-Komunità li ġiet mogħtija lilu għal perjodu ta' żmien xieraq f'massimu ta' 4 snin, biex ikopri ċertu spejjeż li daħlu fihom l-Iżvezja u biex tinġabar informazzjoni teknika u xjentifika ta' valur. Il-programm beda mill-1 ta' Lulju 2001.

(3) Għal raġunijiet ta' baġit, l-għajnuna tal-Komunità tiġi deċiża kull sena. Bid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/29/KE [2] tas-27 ta' Diċembru 2000, 2001/866/KE [3] tat-3 ta' Diċembru 2001, 2002/989/KE [4] tat-18 ta' Diċembru 2002 u 2003/864/KE [5] tal-5 ta' Diċembru 2003 il-Komunità tat rispettivament assistenza finanzjarja għat-tieni semestru tas-sena 2001 u għas-snin 2002, 2003 u 2004.

(4) Fit-28 ta' Mejju 2004 l-awtoritajiet Żvediżi ppreżentaw programm għall-assistenza finanzjarja mill-Komunità matul l-2005, u programm rivedut fit-2 u s-17 ta' Novembru 2004. Fuq din il-bażi, jidher li huwa xieraq li jiġi mtawwal b'6 xhur, il-perijodu totali għall-assistenza finanzjarja mill-Komunità fuq il-perijodu totali miftiehem qabel ta' 4 snin, għalhekk jipprovdi assistenza għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005. L-assistenza finanzjarja mogħtija mill-Komunità għal dan il-perijodu għandha tkun iffissata sa massimu ta' EUR 160 000.

(5) Skond l-Artikolu 3, paragrafu 2, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 [6], miżuri veterinarji u tas-saħħa tal-pjanti meħuda skond ir-regoli tal-Komunità għandhom ikunu ffinanzjati taħt is-Sezzjoni tal-Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija; għal raġunijiet ta' kontroll finanzjarju, japplikaw l-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999.

[1] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew 2003/99/KE tas-17 ta' Novembru 2003 (ĠU L 325, tat-12.12.2003, p. 31).

[2] ĠU L 6, tal-11.1.2001, p. 22.
[3] ĠU L 323, tas-7.12.2001, p. 26.
[4] ĠU L 344, tad-19.12.2002, p. 45.
[5] ĠU L 325, tat-12.12.2003, p. 59.
[6] ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 103.

(6) Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tingħata jekk l-azzjonijiet maħsuba jsiru b'mod effettiv u jekk l-awtoritajiet jagħtu l-informazzjoni kollha meħtieġa fi żmien il-limiti taż-żmien pprovduti.

(7) Hemm bżonn li tiġi kkjarifikata r-rata li trid tintuża għall-konverżjoni ta' l-applikazzjonijiet tal-pagamenti mressqa f'muniti nazzjonali kif definit fl-Artikolu 1 d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 2799/98 li jistabbilixxi l-arranġamenti agrimonetarji għall-euro [1].

(8) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-programm ta' sorveljanza għall-Campylobacter fil-broilers ppreżentat mill-Iżvezja huwa hawnhekk approvat għall-perjodu ta' tnax-il xahar li jibdew mill-1 ta' Jannar 2005.

2. L-għajnuna finanzjarja mill-Komunità għall-programm imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun ta' 50 % ta' l-ispejjeż (VAT eskluża) li ntefqu mill-Iżvezja għall-ittestjar fil-laboratorju, sa 165 SEK għal kull eżami batterjoloġiku biex jinstab il-Campylobacter, 330 SEK għal kull eżami għall-enumerazzjoni tal-Campylobacter u 330 SEK għall-immarkar tas-swaba' tal-Campylobacter u sa massimu ta' EUR 160 000.

Artikolu 2

1. L-għajnuna finanzjarja msemmija fl-Artikolu 1 (2) għandha tingħata lill-Iżvezja sakemm l-implimentazzjoni tal-programm tkun f'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi tal-Komunità, li tinkludi regoli dwar il-kompetizzjoni u fuq l-għoti tal-kuntratti pubbliċi u suġġetta għall-kundizzjonijiet li hemm pprovduti għaliha f'punti (a) sa (e):

a) iġġib fis-seħħ sa l-1 ta' Jannar 2005 il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi biex jiġi implimentat il-programm,

b) tressaq evalwazzjoni finanzjarja u teknika li tkopri l-ewwel ħames xhur tal-programm, minn ta' l-inqas erba' ġimgħat wara l-għeluq tal-perijodu tar-rappurtar. Ir-rapport għandu jkun konformi mal-mudell kif stipulat fl-Anness,

c) tressaq rapport annwali mill-inqas sal-31 ta' Marzu 2006 fuq l-eżekuzzjoni u r-riżultati ġenerali tal-programm għall-perjodu kollu li għalih ġiet mogħtija l-għajnuna finanzjarja mill-Komunità, i.e. mill-1 ta' Lulju 2001 sal-31 ta' Diċembru 2005. Ir-rapport irid ikun fih ukoll evalwazzjoni teknika u finanzjarja li tkopri s-sena 2005, skond il-mudell kif stipulat fl-Anness, akkumpanjat minn evidenza li tiġġustifika l-ispejjeż imwettqa.

d) dawn ir-rapporti li jipprovdu informazzjoni teknika u xjentifika sostantiva u ta' valur li tikkorrispondi ma' l-għan ta' l-intervent tal-Komunità,

e) timplimenta l-programm effettivament.

2. Meta l-limitu taż-żmien fis-subparagrafu 1c) ma jiġix irrispettat, il-kontribuzzjoni għandha tiġi mnaqqsa b'25 % fl-1 ta' Mejju, 50 % fl-1 ta' Ġunju, 75 % fl-1 ta' Lulju u 100 % fl-1 ta' Settembru.

Artikolu 3

Ir-rata ta' konverżjoni għall-applikazzjonijiet imressqa f'munita nazzjonali fix-xahar "n" għandha tkun dik ta' l-għaxar ġurnata tax-xahar "n+1" jew ta' l-ewwel ġurnata preċedenti li għaliha tiġi kkwotata rata.

Artikolu 4

Din id-deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2005.

Artikolu 5

Din id-deċiżjoni hija ndirizzata lir-Renju ta' l-Iżvezja.

Magħmula fi Brussell, fit-18 ta' Marzu 2005

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 349, ta'-24.12.1998, p. 1.

ANNESS

Informazzjoni teknika u finanzjarja relatata ma' l-implimentazzjoni ta' programm ta' sorveljanza għall-Campylobacter fil-brojlers, l-Iżvezja

Sezzjoni A. *Rapport tekniku fuq il-kontroll*

Perjodu tar-Rappurtar minn ..... sa .....

1. Eżami magħmul f'laboratorji dijanjostiċi

a) Kampjunar ta' rutina

	In-numru ta' gruppi għall-qatla li ġew kampjunati	In-numru totali ta' kampjuni fuq "kalzetti" mill-irziezet	In-numru totali ta' "mselha (swabs) tal-kloaka" fil-qatla	In-numru totali ta' kampjuni tal-"ġilda ta' l-għonq" fil-qatla	In-numru totali ta' kampjuni
Il-batterjoloġija tal- Campylo-bacter					

b) Kampjunar addizzjonali fl-irziezet matul l-istaġun ta' prevalenza għolja

	In-numru ta' rziezet ikkampjunati	In-numru totali ta' kampjuni "tal-ħmieġ ta' l-imsaren"
Il-batterjoloġija tal- Campylo-bacter		

c) Kampjunar addizzjonali waqt il-qatla matul l-istaġun ta' prevalenza għolja

	In-numru ta' gruppi għall-qatla li ġew kapjunati	In-numru totali ta' "kampjuni tal-kloaka"
Il-batterjoloġija tal- Campylo-bacter		

d) Kampjunar għall-enumerazzjoni tal-Campylobacter waqt il-qatla

	In-numru ta' gruppi għall-qatla li ġew kampjunati	In-numru ta' kampjuni mill-ġilda ta' l-għonq	In-numru ta' kampjuni mit-"tlaħlih komplut tat-tiġieġ"	In-numru totali ta' kampjuni
Il-batterjoloġija tal- Campylo-bacter				

e) Kampjunar għall-istudji ta' traċċabilità

Numru ta' analiżi PFGE tal-Campylobacter:

2. Segwitu ta' l-ikkampjunar

Numru ta' ittri ta' segwitu lill-produtturi

Numru ta' żjarat ta' segwitu fl-irziezet

3. Deskrizzjoni ta' sitwazzjoni epidemjoloġika fil-katina alimentari (riżultati u analiżi ta' riżultati mill-ikkampjunar, żjarat fl-irziezet).

4. Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fil-bnedmin (xejriet u sorsi tal-campylobatterjosi)

5. L-Isem u l-indirizz ta' l-awtorità li qed tirrapporta:

Sezzjoni B. *Stqarrija ta' l-ispejjes li ntefqu għall-kontroll* [1]

Perijodu tar-Rappurtar minn ..... sa .....

In-numru tar-referenza tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi għal assistenza finanzjarja:

Spejjeż magħmula relatati mal-funzjonijiet fi/minn	Spejjeż magħmula matul il-perijodu tar-rappurtar (munita nazzjonali)
Batterjoloġija tal-Campylobacter	
L-enumerazzjoni tal-Campylobacter	
Fingerprinting tal-Campylobacter	

[1] Meta jiġi ppreżentat ir-rapport finali rreferut fl-Artikolu 2 (c), għall-kull oġġett trid jiġi pprovduta lista ta' l-infiq kollu flimkien ma' kopja tad-dokumenti ta' appoġġ.